

31998D0018

L 7/37

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.1.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-27 ta' Novembru 1997****li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar koperazzjoni u assistenza doganali reċiproka fuq affarijiet doganali**

(98/18/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228 ⁽¹⁾ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi fil-5 ta' April 1993 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, fisem il-Komunità, ftehim fuq koperazzjoni doganali ma' wħud mis-soċji ewlenin tal-kummerċ tal-Komunità;

Billi l-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada fuq il-koperazzjoni doganali u għajjnuna amministrattiva reċiproka fuq affarijiet doganali għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada fuq il-koperazzjoni doganali u għajjnuna reċiproka fuq affarijiet doganali huwa minn issa approvat fisem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni, mgħejjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, tirrappreżenta l-Komunità fuq il-Kumitat Konġunt tal-Koperazzjoni Doganali mwaqqaf skond l-Artikolu 20 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa minn issa awtorizzat li jaħtar il-persuni li jkollhom s-setgħa li jiffirmaw l-Ftehim fisem il-Komunità.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill jagħmel l-avviż li hemm provdut fl-Artikolu 24 tal-Ftehim fisem il-Komunità (1).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussell, fis-27 ta' Novembru 1997.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

M. PATIJN

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.